

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/232

tas-16 ta' Lulju 2018

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura ta' dak il-kumitat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ("it-TCT") ġie ffirmat mill-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 ⁽¹⁾.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 41(3) tat-TCT, it-TCT japplika b'mod proviżorju bejn l-Unjoni, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo * mid-9 ta' Ottubru 2017, u bejn dawk il-Partijiet u r-Repubblika tas-Serbja mid-29 ta' Novembru 2017.
- (3) Taħt l-Artikolu 24(5) tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura ta' dak il-kumitat, peress li d-deċiżjoni fir-rigward ta' dawk ir-regoli ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri f'dak l-abbozz ta' Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BOGNER-STRAUSS

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 2018/1 TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta'...

dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(5) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport, mehmużin ma' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

Magħmul fi ..., fi ... 2018

*Għall-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali
Il-President*

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**I. ĠENERALI**

1. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistabbilixxu proċeduri interni għat-tħaddim tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali ("il-Kumitat tat-Tmexxija") bħala istituzzjoni taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Transport ("it-Trattat") bejn l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk (ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo *, il-Montenegro u r-Repubblika tas-Serbja).
2. Fil-każ ta' kwalunkwe kontradizzjoni bejn dawn ir-Regoli ta' Proċedura u t-Trattat, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat għandhom japplikaw.

II. MEMBRI, OSSERVATORI U PARTEĊIPANTI OĦRA

1. Jenħtieġ li, fil-prinċipju, il-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija jkunu uffiċjali għolja fil-ministeri rispettivi inkarigati mit-transport.
2. L-att tal-ħatra ta' membru għandu jipprovi evidenza li l-membru għandu l-mandat biex jesprimi l-pożizzjoni tal-Parti Kontraenti rispettiva f'manjera vinkolanti fuq dik il-Parti.
3. Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni ta' osservaturi skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 24(2) tat-Trattat, il-Presidenza u Viċi Presidenza kif imsemmija fil-paragrafu 2 tat-Taqsima III jistgħu, fejn hu xieraq, jaqblu li jistiednu rappreżentanti ta' Stati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew korpi oħrajn, inklużi rappreżentanti tas-soċjeta' ċivili biex jattendu, fuq bażi ad hoc, laqgħat speċifiċi tal-Kumitat tat-Tmexxija jew xi parti jew aktar minnhom.
4. Fejn il-Presidenza u l-Viċi Presidenza jaqblu li jistiednu rappreżentanti ta' Stati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew korpi oħrajn, il-Presidenza għandha tgħarraf lill-Partijiet Kontraenti u lis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Transport ("is-Segretarjat") mill-inqas tliet ġimgħat qabel il-laqgħa. Il-Partijiet Kontraenti u s-Segretarjat jistgħu jissottomettu l-fehmiet tagħhom lill-Presidenza fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta jirċievu din l-informazzjoni.

III. IL-PRESIDENZA

1. Kull Parti tal-Ewropa tax-Xlokk għandha żżomm il-Presidenza tal-Kumitat tat-Tmexxija għal sena kalendarja waħda u l-Partijiet għandhom isegwu waħda wara l-oħra f'ordni alfabetiku kif previst fis-subparagrafu (b) tal-Artikolu 2(1) tat-Trattat. L-ewwel Parti tal-Ewropa tax-Xlokk li jkollha l-Presidenza għandha tkun ir-Repubblika tal-Albanija.
2. Il-Presidenza għandha tippresiedi l-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija. Hija għandha tkun assistita minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea li għandu jkollu l-Viċi-Presidenza.
3. Jekk il-Presidenza ma tkunx f'pożizzjoni li twettaq id-dmirijiet tagħha għal laqgħa partikolari, dik il-laqgħa għandha tiġi ppreseduta mir-rappreżentant tal-Unjoni Ewropea li jkollu l-Viċi Presidenza.

IV. IT-THEJJJA TAL-LAQGĦAT

1. Il-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija għandhom isiru fis-sede tas-Segretarjat. Madanakollu, il-Presidenza tista' tiddeċiedi fuq post ieħor għal laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija wara konsultazzjonijiet mal-Viċi Presidenza u mis-Segretarjat u wara li tqis l-aspetti finanzjarji, amministrattivi u organizzattivi rilevanti. Minbarra f'każijiet debitament ġustifikati, dik id-deċizzjoni għandha ssir mill-inqas xahrejn qabel il-laqgħa rilevanti.
2. Il-kontribuzzjonijiet mis-Segretarjat għall-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-laqgħat barra s-sede tas-Segretarjat għandhom ikunu soġġetti għar-regoli baġitarji interni tiegħu.
3. Id-dati tal-laqgħat għandhom jinqablu mill-Presidenza, mill-Viċi Presidenza u mis-Segretarjat. Fil-prinċipju, il-qbil dwar id-dati għandu jseħħ mill-inqas xahrejn qabel il-laqgħa rilevanti.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. L-abbozz tal-aġenda tal-laqgħa għandu jinqabel mill-Presidenza u mill-Viċi Presidenza. L-abbozz tal-aġenda u kwalunkwe dokument relatat magħha għandhom jitqassmu lill-membri u lill-osservaturi mill-anqas sitt ġimgħat qabel il-laqgħa rilevanti. Il-membri jistgħu jagħmlu kummenti u jipproponu li jiżiedu elementi ġodda. Għandu wkoll jitqassam lil Stati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet oħra li jkunu mistiedna skont il-paragrafu 3 tat-Taqsima II il-materjal li għalihom ikun ta' interess.
 5. Is-Segretarjat għandu jkun responsabbli mit-tħejija tal-laqgħat. Huwa għandu jinforma lill-Presidenza u lill-Viċi Presidenza perjodikament u, fuq talba, dwar il-proċess tat-tħejija u jsegwi t-talbiet u l-gwida tagħhom f'dan ir-rigward.
- V. IL-LAQGĦAT TAL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA - IR-REGOLI PROĊEDURALI
1. Il-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kumitat tat-Tmexxija.
 2. Kwalunkwe membru tal-Kumitat tat-Tmexxija, osservatur jew parteċipant ieħor fil-laqgħa jista' jkun akkumpanjat minn uffiċjali li jassistuh. L-ismijiet u l-funzjonijiet ta' daww l-uffiċjali għandhom ikunu notifikati bil-quddiem lis-Segretarjat. Bħala prinċipju, daww l-uffiċjali ma għandhomx ikunu aktar minn tlieta għal kull membru, u mhux iktar minn tnejn għal kwalunkwe osservatur fil-laqgħa. Madankollu, il-Presidenza tista' tawza mod ieħor dwar l-għadd massimu ta' rappreżentanti għal kull delegazzjoni.
 3. Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jitqies li laħaq il-kworum meħtieġ biss jekk l-erba' Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk u l-Unjoni Ewropea jkunu rappreżentati.
 4. F'konformità mal-Artikolu 24(3) tat-Trattat, il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jaġixxi b'mod unanimu. L-astensjoni minn membru ma għandhiex iżżomm lill-Kumitat tat-Tmexxija milli jieħu azzjoni sakemm ikun hemm kworum kif meħtieġ mill-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima.
 5. L-aġenda tal-laqgħa għandha tiġi approvata fil-bidu tal-laqgħa. F'ċirkustanzi urġenti, jistgħu jiġu inklużi elementi ġodda matul il-laqgħa sakemm ikun hemm qbil bejn il-Presidenza u l-Viċi Presidenza.
 6. L-osservaturi jistgħu jipparteċipaw fid-diskussjonijiet u jistgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet wara li jingħataw permess jew meta jiġu mistiedna jagħmlu dan mill-Presidenza.
 7. Ir-rappreżentanti ta' Stati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet oħra li jkunu mistiedna skont il-paragrafu 3 tat-Taqsima II jistgħu jipparteċipaw fid-diskussjonijiet wara li jingħataw permess jew meta jiġu mistiedna jagħmlu dan mill-Presidenza, iżda ma għandhomx jieħdu azzjoni ta' kwalunkwe tip fil-Kumitat tat-Tmexxija.
 8. Il-Konklużjonijiet ta' kull laqgħa għandhom jifasslu bl-assistenza tas-Segretarjat.
 9. Il-Konklużjonijiet għandhom jirreġistraw il-miżuri kollha adottati fil-laqgħa kif ukoll il-pożizzjonijiet tal-membri u kwalunkwe dikjarazzjoni mill-osservaturi fir-rigward tal-azzjonijiet proposti li jittieħdu mill-Kumitat tat-Tmexxija.
 10. Il-Konklużjonijiet għandhom jiġu ffirmati mill-Presidenza u mqassma lill-membri u lill-osservaturi. Fejn ma jkunx possibbli li jiġi ppreparat l-abbozz tal-Konklużjonijiet sal-aħħar tal-laqgħa rilevanti, il-Presidenza għandha tiżgura li dawn jiġu preparati u mqassma fi żmien sebat ijiem kalendarji wara l-laqgħa. Kwalunkwe membru jista' jitlob korrezzjonijiet fi żmien sebat ijiem kalendarji minn meta jirċievi l-abbozz tal-Konklużjonijiet. Il-Presidenza għandha tagħmel arranġamenti biex il-verżjoni finali titqassam fi żmien sebat ijiem mill-iskadenza għal kummenti.
 11. Il-Konklużjonijiet tal-laqgħat bl-ebda mod ma jistgħu jillimitaw l-ambitu jew l-effetti tal-atti legali jew tat-Trattat. Ma għandha ssir l-ebda dikjarazzjoni jew konklużjoni li tmur kontra d-dispożizzjonijiet legali vinkolanti. Il-Konklużjonijiet tal-laqgħat ma għandhomx jiffurmaw parti minn atti legali, u lanqas ma għandhom ikollhom xi effett normattiv.

VI. FORUM TA' AZZJONI U L-PROĊEDURA LI TRID TIĠI SEGWITA MILL-KUMITAT TAT-TMEXXIJA

Ġenerali

1. Il-Kumitat tat-Tmexxija jaġixxi billi jadotta rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet (flimkien imsejħa "Miżuri"), skont kull każ.

L-adozzjoni ta' regoli maħsuba biex jiżguraw il-funzjonament tal-Kumitat tat-Tmexxija għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-adozzjoni ta' deċiżjoni.
2. Hekk kif Miżura tiġi adottata jew emendata, hija għandha tiġi ffirmata minnufih mill-Presidenza u konsegwentement iċċirkolata mis-Segretarjat lill-Partijiet Kontraenti kollha.

3. Il-Miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħhom, sakemm ma jipprevedux mod ieħor.
4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura, l-adozzjoni jew l-emendar tal-Miżuri għandha ssegwi l-istess proċedura.
5. Kwalunkwe talba għall-adozzjoni jew l-emendar ta' Miżura minn membru jew mis-Segretarjat għandha ssir bil-miktub mill-inqas 30 jum kalendarju qabel il-laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija li fiha hija għandha tiġi diskussa.
6. It-talba għandha tintbagħat lill-Presidenza b'kopja lill-membri kollha u lis-Segretarjat. Din għandha tkun akkumpanjata b'noti ta' spjegazzjoni rilevanti.
7. F'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jiġu adottati jew emendati Miżuri mingħajr l-obbligu ta' konformità mal-forom u l-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi minn 4 sa 6 ta' din it-Taqsima.

L-adozzjoni ta' Miżuri permezz tal-korrispondenza

8. Il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jadotta jew jemenda Miżuri permezz tal-korrispondenza, fl-intervalli bejn il-laqgħat tiegħu. Fuq talba minn membru jew mis-Segretarjat għal Miżura li għandha tittieħed permezz tal-korrispondenza, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Presidenza għandha tiddeċiedi jekk is-suġġett jiġġustifikax li għandha tiġi segwita proċedura permezz tal-korrispondenza, f'konsultazzjoni u bi qbil mal-Viċi Presidenza.
9. Fejn il-Presidenza tkun iddeċidiet li għandha tiġi segwita proċedura permezz tal-korrispondenza, hija għandha tagħti istruzzjoni lis-Segretarjat biex jibgħat it-talba lill-membri flimkien ma' tali informazzjoni kif il-Presidenza tqis li jkun meħtieġ, f'konsultazzjoni u bi qbil mal-Viċi-Presidenza. F'konsultazzjoni u bi qbil mal-Viċi-Presidenza, il-Presidenza għandha tispeċifika wkoll jekk u, jekk ikun il-każ, taħt liema kundizzjonijiet, jistgħu jsiru emendi mill-membri fit-talba.
10. F'konsultazzjoni u bi qbil mal-Viċi-Presidenza, il-Presidenza għandha tiddetermina sa liema data u siegħa għandhom jaslu tweġibiet, li fl-ebda każ ma għandhom ikunu aktar kmieni minn 10 jjiem kalendarji mid-data tat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punt 9 ta' din it-Taqsima. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fuq talba jew fid-diskrezzjoni tagħha stess, il-Presidenza tista', f'konsultazzjoni u bi qbil mal-Viċi Presidenza, testendi l-limitu ta' żmien għar-riċezzjoni tat-tweġibiet. Kwalunkwe membru li ma jkunx irrisponda, fil-limitu taż-żmien speċifikat, bil-miktub, inkluż bl-email, għandu jitqies li astjena.
11. Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jaġixxi b'unanimità. L-unanimità għandha titqies li nkisbet fejn mill-inqas erba' Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk u l-Unjoni Ewropea jkunu wiegħbu favur il-Miżura kkonċernata u fejn ebda Parti ma tkun oppoñietha.

VII. ŻVELAR TA' INFORMAZZJONI

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, id-dokumenti ffinalizzati tal-laqgħat (aġenda, Konklużjonijiet, eċċ.) għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tas-Segretarjat.
2. Id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-Kumitat tat-Tmexxija għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 38(2) u (3) tat-Trattat.

VIII. DISPOŻIZZJONIJET FINALI

1. L-osservaturi u rappreżentanti ta' Stati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet oħra li jkunu mistiedna skont il-paragrafu 3 tat-Taqsima II għandhom isegwu kull rekwiżit ta' kunfidenzjalità li japplika għall-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija. Tali rekwiżiti għandhom jiġu riflessi fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa rilevanti.
2. Qabel ma jattendu d-diskussjonijiet rilevanti, ir-rappreżentanti ta' Stati oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet oħra li jkunu mistiedna skont il-paragrafu 3 tat-Taqsima II għandhom jintalbu jiffirmaw dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità. Tali dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità għandha tinkludi impenn li jiġu rispettati r-regoli dwar il-kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima. Huma għandhom jiġu esklużi minn daww id-diskussjonijiet jekk jirrifjutaw li jiffirmaw tali dikjarazzjoni.
3. L-atti kollha tal-Kumitat tat-Tmexxija għandhom jiġu ffirmati mill-Presidenza.

4. Kwalunkwe emenda f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandha tiġi adottata b'deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija.
5. Jekk l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura għal xi sitwazzjoni speċifika tagħti lok għal xi diffikultà ta' interpretazzjoni, il-Presidenza għandha tippovdi parir biex tirriżolvi s-sitwazzjoni, f'konsultazzjoni u bi qbil mal-Viċi Presidenza.
6. Wara sena mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, abbażi tal-esperjenza Prattika tal-applikazzjoni tagħhom, is-Segretarjat jista' jipproponi emendi f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura li huwa jqis utli jew meħtieġa. Fejn xi membru tal-Kumitat tat-Tmexxija jkun jixtieq jipproponi tali emenda, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta lis-Segretarjat.

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat tat-Tmexxija.
